

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-18 ta' Settembru 2007 — Botos vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-10/07) ⁽¹⁾

(*Servizz Pubbliku — Aġenti — Sigurtà soċjali — Assigurazzjoni kontra l-mard — Ħlas lura ta' spejjeż mediċi — Marda serja — Kunitat ta' tmexxija — Perizja medika*)

(2007/C 269/124)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Patricia Botos (Meise, il-Belġju) [rappreżentant: L. Vogel, avukat]

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej [rappreżentanti: J. Currall u K. Herrmann, aġenti]

Suġġett tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Awtorità tal-Ħatra tat-30 ta' Ottubru 2006 li tiċħad l-appell imressaq mir-rikorrenti kontra sitt deċiżjonijiet amministrattivi li jikkonċernaw, b'mod partikolari, ir-rikonoxximent tal-marda tagħha bħala serja għall-finijiet ta' l-iffissar tar-rata ta' kumpens għall-ispejjeż mediċi msemmija fl-Artikolu 72(1) tar-Regolamenti tal-Persunal.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) *Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tat-23 ta' Jannar 2006 u tat-30 ta' Ottubru 2006 huma annullati, safejn huma jirrifjutaw il-ħlas lura lis-Sinjura Botos ta' l-analiżi magħmula mir-RED Laboratories u Ategis skond ir-rata normali tas-sistema ta' l-assigurazzjoni kontra l-mard komuni għall-istitutazzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej.*
- 2) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- 3) *Is-Sinjura Botos għandha tbat i żewġ terzi ta' l-ispejjeż tagħha.*
- 4) *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tbat i l-ispejjeż tagħha u terz ta' l-ispejjeż ta' dawk sostenuti mis-Sinjura Botos.*

⁽¹⁾ ĠU C 69, 24.3.2007, p. 31.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-10 ta' Settembru 2007 — Speiser vs Il-Parlament Ewropew

(Kawża F-146/06) ⁽¹⁾

(*Servizz Pubbliku — Aġenti temporanji — Kumpens — Benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni — Rikors tardiv — Inammissibbiltà manifesta*)

(2007/C 269/125)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Michael Alexander Speiser (Neu-Isenburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: F. Theumer, avocat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Lukosiute u N. Lorenz, aġenti)

Suġġett tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, tal-11 ta' Settembru 2006, li tiċħad ir-rikors tar-rikorrent indirizzat kontra r-rifjut li jingħatalu l-benefiċċju ta' l-espatrijazzjoni.

Dispożittiv tad-digriet

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibili.*
- 2) *Is-Sur Speiser għandu jbat i terz ta' l-ispejjeż tiegħu.*
- 3) *Il-Parlament Ewropew għandu jbat i, minbarra l-ispejjeż tiegħu, żewġ terzi ta' l-ispejjeż tas-Sur Speiser.*

⁽¹⁾ ĠU C 56, 10 ta' Marzu 2007, p. 42.

Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Settembru 2007 — O'Connor vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-12/07 AJ)

(Għajnuna legali)

(2007/C 269/126)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Elizabeth O'Connor (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: D. Martin u M. Velardo, aġenti)

Suġġett tal-Kawża

Talba għal għajjnuna legali

Dispożittiv tad-digriet

It-talba għal għajjnuna legali fil-Kawża F-12/07 AJ, O'Connor vs Il-Kummissjoni, hija miċħuda.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2007 — Aayhan et vs Il-Parlament

(Kawża F-65/07)

(2007/C 269/127)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Laleh Aayhan (Strasbourg, Franza) u oħrajn (rappreżentant: R. Blindauer, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni espliċita ta' 1-20 ta' April 2007 adottata mill-Parlament fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti tad-19 ta' Diċembru 2006;
- li l-kuntratti kollha għal terminu fiss li kienu jorbtu r-rikorrenti mal-Parlament jiġu kkwalfikati f'kuntratt mingħajr terminu fiss wieħed biss;
- tgħid li l-Parlament għandu l-obbligu li jerġa jintegra dawn l-aġenti kollha fis-servizz abbażi ta' kuntratt mingħajr terminu fiss;
- taqta' u tiddeċiedi li l-aġenti tal-Parlament imsejja bħala awżiljarji ta' sessjoni għandhom id-dritt, għall-perijodi kollha maħduma b'effett mill-bidu ta' l-impjeg tagħhom, għal kumpens li jirrappreżenta d-dritt għal *leave* imħallas miksub mix-xogħol li għamlu;
- tordna l-Parlament iħallas lil kull rikorrenti s-somma ta' EUR 2 000 bħala spejjeż tal-proċediment;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew ibati l-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti huma aġenti awżiljarji ta' sessjoni impjegati mill-Parlament għas-sessjonijiet plenarji tiegħu fi Strasbourg, għal 12-il sessjoni kull sena.

In sostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jeċċepixxu l-ewwel nett l-illegalità ta' l-Artikolu 78 tas-sistema applikabbli għall-

aġenti l-oħra, safejn din id-dispożizzjoni għandha bħala effett li teskludi l-kategorija ta' aġenti awżiljarji ta' sessjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' kull sors ta' dritt, kemm nazzjonali kif ukoll Komunitarja.

Ir-rikorrenti jinvokaw sussegwentement il-ksur tal-prinċipju ta' non diskriminazzjoni kif imsemmi b'mod partikolari fil-Karta Soċjali Ewropea u fil-Konvenzjoni C 111 ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (OIX) rigward id-diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-impjegi u tal-professjoni. Huma jallegaw barra minn hekk li l-Parlament kiser il-prinċipju li jobbliga lil kull persuna li tħaddem sabiex timmotiva deċiżjoni ta' tkeċċija, liema prinċipju huwa rikonoxxut b'mod partikolari fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni C 158 ta' l-OIX rigward il-waqfien mir-relazzjoni tax-xogħol fuq inizjattiva ta' min iħaddem.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti jsostnu li, kif tippovdi b'mod partikolari d-Direttiva 1999/70 (¹), il-forma normali ta' relazzjoni tax-xogħol huwa l-kuntratt mingħajr terminu fiss.

(¹) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP.

Rikors imressaq fis-16 ta' Lulju 2007 — Karatzoglou vs EAR

(Kawża F-71/07)

(2007/C 269/128)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Georgios Karatzoglou (Preveza, il-Greċja) (rappreżentant: S. A. Pappas, avukat)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (AER)

Talbiet tar-rikorrenti

- Tordna lill-AER tħallas l-ammont ta' 348 965,96 EUR bħala kumpens tad-dannu materjali soffert minħabba nuqqas ta' konformità mas-sentenza tar-Raba' Awla tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Frar 2006 fil-Kawża T-471/04 (Georgios Karatzoglou vs Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni) (¹)
- Tordna lill-AER tħallas l-ammont ta' 100 000 EUR bħala kumpens tad-dannu morali soffert minħabba nuqqas ta' konformità mas-sentenza T-471/04;